* *Imla* u ibgħatilna *l-formola t'hawn taħt jekk tixtieq issostni l-ħidma tagħna billi kull sena tibgħatilna donazzjoni meta tagħlaq sninek.*

* *Agħmel iċ-ċekk tiegħek pagabbli lil* **SMA International Development Office** *u ibagħtu lili (Fr Pat Kelly SMA) fl-indirizz t'hawn taħt. L- SMA hija korp ta' karità reġistrat (għal finijiet ta' taxxa).*

* *Jien kull sena nibgħatlek kartolina f'għeluq sninek biex infakkrek fil-impenn tiegħek u naġġornak dwar il-ħidma tagħna. Int titfakkar fit-talb tal-komunità tagħna, u l-aktar waqt il-Quddies, nhar għeluq sninek.*


**SOCIETY OF AFRICAN MISSIONS**
**23 BLISS AVENUE, TENAFLY, NJ 07670, USA**

E-mail: interdev@smafathers.org
Tel. +1 201 567 0450 ext.252
Website: www.smainter.org


✂-----------------------------------------------

*Nixtieq nagħti donazzjoni/paga ta' ġurnata nhar għeluq snini biex nissapportja l-formazzjoni tal-missjunarji ta' l- SMA u għat-tixrid ta' Evanġelju fl-Afrika.*

ISEM ______________________________

INDIRIZZ______________________________

______________________________

______________________________

E-mail: ______________________________

**Għeluq snini**: Jum _______ Xahar________

Jisimni Fr Pat Kelly (mill-Irlanda!) u ili aktar minn 30 sena saċerdot mas-Soċjetà tal-Missjonijiet Afrikani (SMA). Wara l-ordinazzjoni ħdimt bħala missjunarju fil-Liberja fl-Afrika tal-Punent. Imbagħad għaddejt 5 snin il-Filippini u warajhom 12-il sena l-Indja ngħin fit-twaqqif, fiż-żewġ pajjiżi, ta' komunitajiet ġodda tas-SMA biex inħejju u nibagħtu qassisin missjunarji Filippini u Indjani fl-Afrika. Issa qed immexxi l-Uffiċċju għall-Iżvilupp Internazzjonali għall-Iżvilupp biex infittxu finanzi għall-formazzjoni tal-missjunarji ġodda mill-fergħat ġodda kollha tas-Soċjetà Missjunarja tagħna.



***Sapport lill-Ħidma***

Il-ġenerożità tiegħek tista' tgħinna nħejju ġenerazzjoni ġdida ta' missjunarji ta' l-SMA biex ixerrdu l-Evanġelju fl-Afrika. Aħna nemmnu li qed nagħmlu l-ħidma ta' Alla u li Hu żgur ibierek l-isforzi tagħna billi jipprovdilna dak li hu meħtieġ biex nagħmluha. U għalhekk…..

***…aħna nitolbu li int titqanqal mill-Mulej biex tissapportjana f'dan ix-xogħol.***

***HAPPY BIRTHDAY!***

# Happy Birthday!

Jien naf mara li kull meta tiċċelebra għeluq sninha tagħti rigal lil **ommha**! X'mod sabiħ kif tirringrazzja lill-persuna li ġabitha f'din id-dinja.

Għeluq sninna kull sena hu okkażjoni tajba biex nirringrazzjaw 'l Alla għar-rigal tal-ħajja u tal-fidi – biex nirringrazzjawh għas-snin li għaddew u biex nitolbuh ibierek is-snin li ġejjin.



***Hawn idea għal meta terġa' tagħlaq sninek!***

B'ringrazzjament għar-rigali tal-ħajja u tal-fidi li rċevejt mingħand Alla ***INT tixtieq tagħti rigal lura lil Alla meta terġa' tagħlaq sninek*** bħala sinjal żgħir ta' l-imħabba tiegħek lejh? Dan il-fuljett żgħir jissuġġerilek mezz kif tista' tagħmel dan.

Is-**Society of African Missions (SMA),** dedikata biex ixxerred il-Vanġelu u twaqqaf il-Knisja fl-Afrika kollha, tistiednek taqsam magħha l-missjoni tagħha billi tagħti ***kon-tribuzzjoni f'għeluq sninek*** bħala r-rigal tiegħek lil Alla. Ħalli nispjegalek ftit aħjar…

## *L-eżempju ta' l-Isponsors Indjani tagħna*

Meta kont naħdem l-Indja ltqajt ma' ħafna nies (Musulmani u Indù u wkoll Insara) li ssapportjaw il-ħidma tagħna li nħarrġu żgħażagħ Indjani jsiru qassisin missjunarji tas-SMA għall-Afrika billi jikkontribiwxxu 100 rupee (80 ċenteżmu) kull sena.

Ma jidhirx ħafna – iżda fil-fatt hu daqs **paga ta' ġurnata** għal ħafna nies (e.g. għalliema, skrivani eċċ.). Il-parti l-kbira ta' l-Indjani li jissapportjawna m'għandhomx kont il-bank, *credit cards* eċċ., u jridu jgħixu b'dak li jaqilgħu kull ġimgħa; hekk paga ta' ġurnata fil-fatt hija rigal ġeneruż ħafna! Aħna nuru l-apprezzament tagħna billi noffru talb speċjali għalihom, l-aktar f'għeluq sninhom. U nibagħtulhom kartolina f'għeluq sninhom! Jien impressjonat bil-ġenerożità tagħhom u l-idea togħġobni Issa qed ngħaddi l-istedina lilek.

## *Lest li tagħti donazzjoni - imqar paga ta' ġurnata - kull sena f'għeluq sninek biex tgħinna fil-ħidma tagħna li nevanġelizzaw l-Afrika?*

B'hekk int ukoll tkun qed taħdem **b'mod konkret** biex ixxerred il-Vanġelu fl-Afrika!

## *Is-SMA u l-Knisja fl-Afrika*

Is-SMA ilha 150 sena tibgħat missjunarji ma' l-Afrika kollha biex iħabbru l-Vanġelu u jwaqqfu l-Knisja Afrikana. Bħalissa aħna qed naħdmu fi 17-il pajjiż, u aħna ferħanin naraw il-frott ta' din il-ħidma; il-Knisja fl-Afrika qed tikber bil-għaġla aktar milli fl-inħawi l-oħra kollha tad-dinja!



*Fr William Joseph (xellug fin-nofs) mill-Indja fil-missjoni fit-Tanzanija*

Din hija barka kbira iżda hija wkoll sfida kbira biex ssib biżżejjed qassisin ħalli jaqdu dan l-għadd dejjem jikber ta' nsara. Fl-imgħoddi, saċerdoti tas-SMA dejjem ġew mill-Ewropa u l-Amerika ta' Fuq. Iżda llum, meta l-ħtieġa ta' qassisin qed tikber, l-għadd ta' missjunarji minn dawn il-pajjiżi li tradizzjonalment jibagħtu qassisin nieżel. Biex inkomplu bl-impenn tagħna ħalli ngħinu l-Knejjes Afrikani żgħażagħ waqqafna fergħat ġodda tas-SMA fi nħawi oħra tad-dinja (**fl-Arġentina**, **fl-Indja, fil-Filippini, fil-Polonja**) u wkoll f'għadd ta' pajjiżi **Afrikani** fejn il-Knisja qed tiffjorixxi) biex inħejju ġenerazzjoni ġdida ta' missjunarji tas-SMA.

***Il-vokazzjonijiet saċerdotali għadhom numerużi*** f'dawn il-pajjiżi. Iżda biex issib il-finanzi meħtieġa, biex tħarreġ dawn is-saċerdoti ġodda, biex tibgħathom il-missjoni – u mbagħad tieħu ħsiebhom (u l-komunitajiet li huma jaqdu) meta jaslu hemm – m'hux faċli. Ħafna mill-qassisin ġodda tagħna ġejjin minn nazzjonijiet imsejħa "inqas industrijalizzati" fejn il-fidi hija qawwija iżda r-riżorsi skarsi. Taf jieħu 10 snin biex tħarreġ saċerdot missjunarju tas-SMA, u dan hu piż finanzjarju kbir. Sforzi biex jinġabru flus f'kull waħda minn dawn l-inħawi ġodda diġà qed jirnexxu, iżda jrid jgħaddi ħafna żmien qabel ikunu jistgħu jkopru l-ispejjeż meħtieġa kollha.

Trid, bejn wieħed u ieħor, $4,000 fis-sena biex tħarreġ kull student. Għal xi 250 student irridu nsibu miljun dollaru kull sena għal din il-ħidma! Xogħli fl-International Development Office tas-SMA hu li nsib mezz kif nigbor dan l-ammont sakemm il-fergħat ġodda tas-SMA ikunu awto-suffiċjenti.

*Il-Knisja fl-Afrika l-aktar li qed tikber fid-Dinja.*

